**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 125/2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Neville Mifsud**

Illum, 27 ta' Ottubru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Neville Mifsud, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 489480M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli:

1. Nhar l-4 ta' Frar 2021 bejn il-01:00hrs u 02:00hrs, ġewwa Triq Dun Karm Fenech, Għargħur, volontarjament ta n-nar fuq vettura bil-mutur tal-għamla Mazda Demio bin-numru ta' reġistrazzjoni KCD689 u dan għad-detriment ta' Francesco Spiteri mill-Għargħur u/jew ta' persuni oħra;
2. U talli aktar fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ikkommetta ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u ċioe' għamel ħsara volontarja fuq l-imsemmija vettura, liema ħsara tiskorri l-elfejn u ħames mitt ewro għad-dannu ta' u/jew persuni oħra.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-16 ta' April 2023, fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni u

għalhekk illiberatu minnha. In oltre, wara li rat l-artikolu 318 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni u ikkundannatu għall-piena ta' sentejn prigunerija, izda, billi l-Qorti kienet tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ hemm lok li tingħata sentenza sospiża a tenur ta' l-Artikolu 28(A)(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, issospendiet it-terminu ta' sentejn (2) priġunerija għal erba' (4) snin b'effett mid-data tas-sentenza. Illi, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 532A tal-Kap. 9 u b'applikazzjoni ta' dak li jistipula l-istess artikolu li jagħmel riferenza għall-artikolu 24 tal-Kap. 446, ikkundannat lill-imputat sabiex iħallas lill-parte civile Francesco Spiteri l-ammont totali ta' disat elef u ħames mitt ewro (€9,500) rapprezentanti d-danni sofferti mill-istess Francesco Spiteri in konnessjoni ma' dan il-każ. In oltre l-Qorti wara li rat wkoll l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ikkundannat lill-ħati sabiex jħallas lir-Reġistratur tal-Qorti l-ammont ta' tlett elef, erba' mija sebgha u tmenin Ewro u tmenin centezmu (€3,487.80) rappreżentanti l-ispejjeż tal-esperti inkorsi f'dawn il-proċeduri u fil-kors tal-atti tal-inkjesta dwar l-*in genere* relatata ma' dan il-każ. Fl-aħħar nett il-Qorti wara li rat l-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-vettura tal-marka Smart bin-numru XXX 006 li intuzat waqt il-kommissjoni ta' dan id-delitt. Fl-aħħar net, il-Qorti għazlet li ma tapplikax l-artikolu 383 u l-artikolu 412C tal-Kap. 9 stante li ma qisietx li fiċ-ċirkostanzi kien hemm lok li jiġu applikati xi wieħed minn dawn l-artikoli.

Rat ir-rikors tal-appellant, Neville Mifsud, ppreżentat fil-31 ta' Mejju 2023, fejn talab lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

(a) Tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn sabitu ħati u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni , ħtija u piena' jew
(b) Fin-nuqqas, tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-imputat ħati u minflok tħassar u tirrevoka l-parti tal-piena billi tipprovdi għal piena aktar ekwa u ġusta fiċ-ċirkostanzi kif ukoll tirrevoka l-ordni ta' konfiska a favur il-Gvern ta' Malta tal-vettura tal-marka Smart bin-numru XXX 006 hekk kif il-vettura msemmija hija ta' Charlene Mifsud, mart l-appellant, li hija estranja għall-kaz, kif ukoll l-ordni ta' ħlas lill-parte ċivile Francesco Spiteri fl-ammont ta' €9,500.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali datata 24 ta' Lulju 2023.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ewwel aggravju ventilat minnu, l-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti, li wassal għall-applikazzjoni errata tal-liġi penali. Dan seħħ, fil-fehma tiegħu, fir-rigward tal-apprezzament li sar dwar l-prova magħmula mill-Prosekuzzjoni permezz ta'l-oġġetti elevati mir-residenza tiegħu, il-filmati elevati minn kameras tas-sigurta', CCTVs, u l-lokalizżazzjoni taċ-ċellulari tiegħu. L-appellant jilmenta li dawn il-provi, kuntrarjament għal dak deċiż fis-sentenza appellata, ma jilħqux il-livell ta' prova mistennija mill-Prosekuzzjoni billi ma jeliminawx id-dubbju dettat mir-raġuni għaliex ma jaslux biex joħolqu ness bejnu u l-allegat reat.

Illi sabiex jiġi indirizzat dan l-aggravju l-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti tal-kawża u dan bil-għan illi tagħmel l-eżerċizzju minnha mistenni issa fi stadju ta' reviżjoni, u ċioe', illi tqies jekk l-apprezzament magħmul in prim'istanza kienx wieħed raġonevolment u legalment validu.[1]

**Ikkunsidrat:**

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Diċembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Diċembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Illi l-appellant jibda' biex jikkritika in-nuqqas tal-investigaturi u sussegwentement tal-Prosekuzzjoni milli jaraw illi jsiru eżamijiet forensiċi fuq l-oġġetti elevati mir-residenza tiegħu, u ċioe' "**zewġt iqliezet, wieħed ta' kulur griz skur u l-ieħor iswed u slipper Nike**" u dan sabiex ġaldarba ikun stabbilit li dawn kienu il-ħwejjeġ lil huwa kien libes fil-lejl meta seħħ id-delitt, ikun jista' jinħoloq ness bejn dan il-fatt u l-involviment tiegħu fil-kummissjoni tar-reat lilu addebitat. Jikkontendi illi l-Ewwel Qorti ma setatx tassumi li kien hu l-awtur tar-reat unikament fuq il-fatt li dawn setgħu kienu il-ħwejjeġ li huwa kien libes f'dik il-lejla.

Illi, l-appellant jattakka l-konkluzjonijiet milħuqa mill-Ewwel Qorti fir-rigward tal-filmati meħuda mis-*CCTV footage* elevat, fejn jisħaq li hija biss il-vettura li setgħet b'xi mod tallaċjah mar-reat *de quo* u dana stante li l-persuna li ġiet maqbuda fuq l-imsemmija filmati ma tintgħarafx. Għalhekk dan iwassal għal dubbju serju fil-filmati elevati hekk kif mhux biss wieħed ma jistax jiddetermina l-persuna li tidher fihom, izda ukoll lanqas hemm ċertezza minn liema toroq għaddiet minnhom il-vettura kif ukoll il-persuna. Sussegwentement l-appellant jisħaq ukoll li l-Prosekuzzjoni ma ppreżentat l-ebda prova li setgħat teskludi l-possibilita' li l-awtur tar-reat wasal fil-lok fejn seħħ l-akkadut bil-mixi u mhux permezz ta' xi vettura. Finalment jikkontendi illi l-lokalizazzjoni taċ-ċellulari tiegħu ppreżentata in atti ma jwassalx waħdu sabiex jorbtu mal-kummissjoni ta'l-istess.

Illi huwa indubitat illi il-Prosekuzzjoni serrħet il-każ tagħha fil-konfront tal-appellant unikament fuq provi indizzjarji, u dan għaliex ma kien hemm ebda xhieda okulari li joħolqu ness bejn il-kummissjoni tar-reat u l-persuna tal-appellant. Illi kien deċiż illi:

> **"L-prova indizzjarja trid tkun waħda assolutament univoka, li tipponta biss mingħajr dubju dettat mir-raġuni lejn fatt jew konklużjoni waħda. Ovvjament jekk fatt jew ċirkostanzi jistgħu raġonevolment jingħataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni waħda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-liġi, sabiex in bażi tagħha tista' tinstab ħtija. Kif tgħid u titlob il-liġi, biex prova ndizzjarja tiġi ammessa bhala prova valida fis-sens li wieħed jista' raġonevolment jasal għall-konklużjoni tiegħu ta' ħtija in bażi tagħha bla ebda dubju dettat mir-raġuni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwiżit ta' l-univocita' tagħha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkużat huwa ħati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju raġonevoli fir-rigward għandu jmur favur l-akkużat skond il-liġi.**

> **Wieħed għandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni talprova ndizzjarja għaliex għalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li faċilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jgħamel l-interpretazzjoni w apprezzament tagħha[2].**

Illi, mill-provi akkwiżiti in atti jirriżulta illi nhar l-4 ta' Frar 2021, il-Pulizija ġiet infurmata permezz ta' telefonata illi kien hemm vettura tal-għamla Mazda Demio kulur griż, bin-numru ta' reġistrazzjoni KCD-689, li kienet qed tieħu in-nar fi Triq Dun Karm Fenech, il-Għarghur, liema vettura kienet tappartjeni lill-parte ċivile Francesco Spiteri. Mill-investigazzjonijiet irriżulta, u dan senjatament minn filmati tal-kameras ta' sigurta' fl-akwati, li f'dik il-lejla ġiet osservata il-presenza ta' vettura tal-għamla *Smart*, ta' lewn blu, bl-aħħar ittra tan-numru tar-reġistrazzjoni tagħha "X" u l-aħħar numru "6", liema vettura irriżulta li tappartjeni lil ċertu Charlene Mifsud, li tiġi mart l-appellant. Mis-*CCTV footage* elevat, dehret ukoll persuna ta' daqs medju liebsa *hoodie* abjad u qalziet skur li avviċinat il-vettura tal-parte ċivile, iċċekkjat n-*number plate* ta' l-istess, wara dan firxet likwidu fuq l-istess vettura u tatha n-nar permezz ta' *lighter*. Din l-istess persuna ħarbet minn fuq il-post bil-pass, u ftit wara reġgħet inqabdet fuq il-filmat il-vettura tal-għamla Smart tinstaq għall-ftit metri bla dwal, imbagħad xegħlet l-istess dawl u ħarġet mill-Għarghur.

Illi, wara eżami akkurat tal-atti proċesswali odjerni u tal-provi kollha prodotti quddiem l-Ewwel Qorti, dina l-Qorti tista' tislet is-segwenti fatti probatorji:

1. **<u>L-appellant kien jinsab il-Għargħur fil-ħin tal-inċident *de quo*</u>** – Illi huwa indubitat illi l-appellant kien qiegħed fil-post fejn seħħ ir-reat fil-jum u il-ħin indikat fl-akkuża. Il-vettura tal-għamla Smart bin-numru ta' reġistrazzjoni XXX006, liema vettura nqabdet minn diversi *cameras* mwaħħlin viċin il-post fejn seħħ ir-reat, kienet qed tinstaq mill-appellant – fatt ammess minnu stess meta volontarjament offra x-xhieda tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti. Għaldaqstant ma jeżisti ebda dubbju dwar il-fatt li l-vettura tal-għamla *Smart* li nqabdet fis-*CCTV footages* eżebiti in atti dak il-ħin kienet qed tinstaq minn ħadd ħlief l-appellant. Huwa fatt ukoll li mill-filmati jirriżulta illi l-vettura tal-

[2] Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri mogħtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002.

appellant tidher viċin il-lok tar-reat kemm qabel kif ukoll eżatt wara li l-vettura *Mazda* ħadet in-nar, bil-vettura *Smart* tinstaq minn fuq il-post wara l-kummissjoni tar-reat għall-ewwel bid-dwal mitfija.

2. **Il-vettura tal-parte ċivile ngħatat in-nar b'mod doluż** - Illi, huwa fatt inkontestat ukoll li l-vettura tal-parte ċivile ngħatat in-nar b'mod doluż, hekk kif jirriżulta kemm mis-*CCTV footages* kif ukoll mill-konkluzzjoni milħuqa mill-espert tal-Qorti Dr. Daniel Vella – **"...in-nar li ħakem il-vettura Mazda Demio bil-pjanċi ta' reġistrazzjoni bin-numru KCD-680, nhar l-4 ta' Frar 2021 għall-ħabta tas-1:15am, kien wieħed li ġie mkebbes b'mod intenzzjonali u doluz ..."**
3. **Il-persuna li dehret fis-*CCTV footage* mhix rikonoxxibli** – Illi, l-Ewwel Qorti, fil-kunsiderazzjonijiet tagħha stqarret li "**L-istatura ta' Neville Mifsud kienet identika għall-persuna li tidher fil-filmati tas-CCTV**". Issa l-viżwali li tidher mill-angolu fejn qed tirreġistra l-kamera, huwa possibbli li jkun stabbilit illi l-persuna li tat in-nar lill-vettura in kwistjoni kienet persuna ta' statura medja. Issa l-fatt waħdu li l-istatura hija simili għal dik tal-appellant ma jwassalx sabiex dik il-persuna tkun identifikata bħala dik tal-appellant. Dan jingħad ukoll mill-fatt li ma tqabbad l-ebda espert sabiex jislet xi tip ta' komparazzjoni bejn l-immaġini li tidher fuq il-filmat u l-persuna tal-appellant. *In oltre*, l-persuna li tidher fil-filmati kienet liebsa b'tali mod li ġisimha kien mistur u għalhekk lanqas xi marki distintivi fuq l-istess ma kienu jidhru, li ċertament setgħu jgħinu fl-identifikazzjoni tagħha.
4. **L-ilbies u z-zarbun tal-appellant qatt ma ġew eżaminati forensikament** – Illi, għalkemm fl-atti kienu eżebiti xi ħwejjeġ elevati mir-residenza tal-appellant u li dehru li setgħu jkunu l-istess bħal dawk li jidhru fil-filmat, madanakollu dawn il-ħwejjeġ qatt ma kienu eżaminati forensikament għal presenza ta' xi aċċellerant jew xi materjali ieħor simili. *In oltre*, l-qliezet u ż-żarbun elevati mir-residenza tal-appellant, kienu ħwejjeġ komuni u li ma kellhom xejn fihom li jispikkaw jew li meta wieħed jarahom, ikun jista' jgħid b'ċertezza li dawk kienu l-istess ħwejjeġ li kienu jidhru fuq il-filmati, għalkemm huma simili.

5. **L-ebda eżamijiet forensiċi ma saru fil-vettura tal-għamla *Smart*** – Illi l-Prosekuzzjoni tavvanza t-teżi illi fil-vettura tal-għamla *Smart* bin-numru ta' reġistrazzjoni XXX-006, kien qed jinġarr l-aċċellerant ġewwa kontenitur utilizzat sabiex tinħaraq il-vettura *Mazda*. Din is-supposizzjoni, madanakollu qatt ma kienet sostanzjata permezz ta' xi eżamijiet forensiċi fuq il-vettura għal xi tracċi tal-materjal li l-espert Dr. Daniel Vella jikkonkludi li kien utilizzat sabiex tqabbad in-nar.
6. **Ma nstab l-ebda aċċellerant fir-residenza tal-appellant** – Illi, hekk kif xehed l-Uffiċjal Prosekutur, ma nstab l-ebda forma ta' aċċellerant waqt it-tfittxija li saret minnhom ġewwa r-residenza tal-appellant.
7. **Ma ġie stabbilit ebda ness bejn il-vittma u l-appellant** – Illi mix-xhieda tal-parti offiża Francesco Spiteri jirriżulta illi huwa ma kellu ebda konoxxenza tal-persuna tal-appellant.
8. **Il-kreddibilita', *o meno* tal-verżjoni tal-fatti mogħtija mill-appellant** –Illi kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, il-verżjonijiet mogħtija mill-appellant meta kien interrogat u mbagħad meta jixhed fil-Qorti huma għal kollox konfliġġenti tant illi x-xiehda tiegħu hija għal kollox inattendibbli. Fl-istqarrija rilaxxata minnu nhar l-24 ta' Frar 2021, huwa stqarr li dakinhar meta seħħ ir-reat, kien mar għax-xogħol ġewwa il-forn fejn kien jaħdem fil-Għargħur għal ħabta ta' nofs il-lejl, iżda ħassu ma jiflaħx, qagħad fil-karozza u meta ma ħassux aħjar mar lura lejn id-dar. Ċertifikat mediku iżda qatt ma għamel jew ippreżenta fil-qorti. Huwa stqarr ukoll li l-Għarghur ma jafhiex sewwa bħala lokalita' u li kien dejjem jaqbad l-istess triq għax-xogħol. Fit-tieni stqarrija imbagħad meta rinfaċċjat bil-fatt illi huwa ma kienx għarraf lill-imgħallem tiegħu li kien ma jiflaħx, ibiddel din il-verżjoni u igħid li kien bil-*leave* u kien irranġa biex persuna oħra tidħol xogħol minfloku. Ikompli jgħid li wara ddeċieda li jmur għax-xogħol xortawaħda iżda ħassu ma jiflaħx u għalhekk irritorna lejn id-dar mingħajr ma ħass li kellu jinforma lill-imgħallem tiegħu billi kien hemm diġa' persuna oħra biex jibdlu. Issa mill-verifiki magħmula tul l-investigazzjonijet, u senjatament mill-filmati meħuda mill-qrib ta' kameras ta' sigurta', il-vettura tal-appellant f'dik il-lejla ma tidher imkien fl-akwati tal-post

tax-xogħol tiegħu. Din il-verzjoni tal-fatti nbiddlet drastikament pero' meta xehed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti, fejn hemmhekk stqarr li ma kienx minnu li kien marid dakinhar imma kien filfatt bil- "*leave*", u dana għaliex kellu jiltaqa' ma' ċertu Fiona Zammit. Huwa jgħid li sabiex martu ma jkollha ebda suspett fih, huwa dakinhar tal-inċident, libes l-lbies tax-xogħol u telaq mid-dar bħallikieku sejjer għax-xogħol f'nofsilejl. Jgħid li kien ftiehem ma' din Fiona biex jiltaqgħu għall-ħabta tas-1:30am ġewwa l-Għarghur sabiex jekk martu tara l-vettura tiegħu ġewwa l-Għarghur, għal darb'oħra ma jidħlilha l-ebda suspett, u taħseb li kien qiegħed xogħol. L-appellant stqarr li baqa' fil-vettura tiegħu jistenna l-ħin jgħaddi, mbagħad meta sar il-ħin, saq il-vettura tiegħu u ċempel lill-Fiona pero' it-telefonata qisha m'għadditx u ma reġax prova. Meta ra hekk, saq ħdejn xi fabbriki ġewwa l-Għarghur u għamel siegħa u nofs/sagħtejn hemmhekk sakemm sar il-ħin u rritorna d-dar. Illi dawn il-movimenti minn rakkontati madanakollu ma jaqblu xejn mal-movimenti li jkun osservat jagħmel fuq il-filmati elevati mill-pulizija.

Illi, dina l-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha tqis din il-verzjoni tal-fatti bħala waħda kompletament inverosimili. L-appellant mhux kredibbli u dan għaliex il-provi li hemm fl-atti jgiddbuh. Fl-ewwel lok, kif ingħad, huwa evidenti illi f'dik il-lejla, l-appellant ma resaqx lejn il-post tax-xogħol tiegħu. Illi mill-*call localisations* taċ-ċellulari tiegħu, jemerġi illi f' 00:16:21 dakinhar tal-inċident, l-appellant kien jinsab ġewwa tas-Sliema u ċempel lil ċertu Nikki Pace. L-appellant ma jagħti ebda spjegazzjoni fix-xiehda tiegħu dwar l-presenza tiegħu ġewwa tas-Sliema ftit tal-ħin qabel kien kommess ir-reat. Illi ukoll mill-*call logs* ippreżentati in atti, ma jidhirx illi huwa għamel kuntatt ma persuna oħra u wisq anqas ma' din Fiona Zammit li huwa jindika li kellu jiltaqa' magħha u ċemplilha. Kif lanqas l-appellant iressaq lil Fiona Zammit sabiex tikkorrobora l-verżjoni tiegħu tal-fatti. Dan oltre it-tlett verżjonijiet differenti lli jagħti sabiex jipprova jiġġustifika l-presenza tieghu fil-Għargħur f'dik il-lejla.

Illi minn dawn il-fatti probatorji jemerġi fl-ewwel lok illi l-appellant ma jirnexxielux sal-grad tal-probabbli jikkonvinċi lil qorti mill-innoċenza tiegħu. Minn naħa tagħha

huwa minnu illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq il-provi kollha li setgħet ressqet sabiex isaħħaħ il-każ tagħha. Dan magħdud, madanakollu, ma jfissirx illi l-appellant għandu jkun illiberat. Dan għaliex, kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti mill-filmati miġbura mill-kameras tas-sigurta' fl-akwati, u mill-eżerċizzju li sar mill-espert nominat mill-Qorti Dr. Martin Bajada, huwa indubitat illi l-vettura misjuqa mill-appellant dehret għal ħin twil iddur fl-akwati viċin il-post fejn seħħ ir-reat u dan sa ftit tal-ħin qabel u ftit minuti wara. Illi mill-filmati ma kienet osservata l-presenza suspettuża ta' ebda vettura oħra, kif lanqas kienet osservata il-presenza ta' ebda persuna oħra, jew inkella ta' xi mezz ta' trasport ieħor, bħal xi rota, *scooter*, jew mutur li jindikaw li kien hemm persuna oħra involuta fil-kummissjoni tar-reat. Illi l-appellant kemm fl-istqarrijiet minnu rilaxxati, kif ukoll fid-deposizzjoni tiegħu fil-qorti, ma jagħti ebda spjegazzjoni li tagħmel sens li b'xi mod tiġġustifika il-presenza tiegħu fuq ix-xena tar-reat fil-ħin u il-jum meta dan kien kommess. Dan immaterjalment minn nuqqas tal-Prosekuzzjoni milli titlob li jsiru xi eżamijiet forensiċi fuq il-ħwejjeġ u l-vettura tal-appellant. Huwa minnu li dawn l-eżamijiet setgħu isaħħu it-teżi tal-Prosekuzzjoni, madanakollu, dan ma jfissirx illi l-provi li finalment kienu ikkumpilati fl-assjem kollu tagħhom ma jistgħux jippuntaw lejn ir-reita', iktar u iktar, meta kif ingħad l-appellant bix-xiehda tiegħu iwaqqa' l-ġebla fuq saqajh meta jidher evidenti illi huwa qiegħed jigdeb u ma jiġġustifikax b'raġunijiet validi il-motiv 'il għala nstab idur u jaqgħad mat-toroq sakemm finalment, eżatt ftit tal-ħin qabel ma kienet osservata il-persuna tavviċina l-vettura Mazda, l-vettura tiegħu tinqabad mill-kameras fi triq biswit Triq Dun Karm Fenech, u eżattament wara tkun osservata tinsaq minn fuq il-post għall-ewwel bid-dwal mitfija. Dan meta ma tidher ebda persuna oħra preżenti f'dak il-ħin u li fuqha seta' waqa' s-suspett. Illi għalhekk l-aggravju imressaq mill-appellant marbut mal-apprezzament tal-provi qed jkun miċħud.

Illi stabbilit kwindi li l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġjoneveolment issib ħtija fl-appellant jifdal biex ikun ikkunsidrat l-aħħar aggravju marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti li l-appellant iqies bħala waħda eċċessiva. Illi l-appellant kien ikundannat għal perijodu ta' sentejn priġunerija, liema terminu ta' priġunerija kien

sospiż għal żmien erba' snin, u dan bis-saħħa ta'l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali. Illi jibda biex jingħad illi l-Ewwel Qorti fid-diskrezzjoni lilha fdata bil-liġi għoġobha timponi piena alternattiva għal dik tal-priġunerija effettiva bil-għan illi l-appellant iħallas lura il-ħsara minnu kkaġjonata. Illi l-appellant ma jressaq ebda mottiv li jista' iġiegħel lil din il-Qorti titbiegħed minn din il-fehma iktar u iktar meta l-egħmil doluż tal-appellant seta' kellu konsegwenzi ferm serji b'periklu għal proprjeta u persuni li setgħu kienu fl-akwati f'dak il-ħin. Il-Qorti tqis, bħall-Ewwel Qorti qabilha, illi l-appellant għandu jirrisarċixxi l-ħsara minnu kkaġjonata u ma tqisx illi din il-piena konsegwenzjali hija xi waħda drakonjana tenut kont tal-fatt illi l-ordni għal risarċiment ingħata fit-termini tal-artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali u mhux l-artikolu 28H. Lanqas ma tista' taqbel il-Qorti illi ma għandux ikun hemm il-konfiska tal-vettura *Smart* li ntużat fil-kummissjoni tar-reat, u dan għaliex għalkemm din hija reġistrata fuq martu Charlene Mifsud, madanakollu l-appellant ma jressaqx prova li tindika illi r-*regime* matrimonjali tagħhom mhuwiex dak preżunt mil-liġi tal-komunjoni tal-akkwisti[3], fejn allura din il-vettura tappartjeni ukoll lilu. Kwindi lanqas dan l-aggravju ma jistħoqqlu akkoljiment.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**

[33] Artikolu 1316 u 1321 Kodiċi Ċivili